**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 20 ta' Frar, 2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spettur Kylie Borg**
**Spettur Roderick Agius**
**Spettur Alfredo Mangion)**

**Vs**

**CHRISTOPHER MIFSUD**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Christopher Mifsud, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 143188M.

U nakkuzawh talli f'dawn il-Gzejjer b`diversi atti maghmulin minnu stess, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda u cioe` talli:

**1.** F'xi hin fil-lejl ta' bejn id-09 u l-10 ta' Diċembru 2019 minn gewwa Triq l-Intornjatur, limiti ta' Birkirkara, ikkommetta serq ta' batteriji, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin

centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-ħin u bix-xorta tal-haġa misruqa, għad-dannu ta' Mark Joseph Pace u/jew George Buhagiar u/jew persuni ohra u/jew entitajiet oħra, u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 267, 270, u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**2.** F'xi hin fil-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Diċembru 2019 minn gewwa z-zona Industrijali tal-Imriehel fil-limiti ta' Birkirkara, ikkommetta serq ta' batteriji, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-ħin u bix-xorta tal-haġa misruqa, għad-dannu ta' John Camilleri u/jew persuni ohra u/jew entitajiet oħra, u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 267, 270, u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**3.** F'xi hin fil-lejl ta' bejn it-22 u t-23 ta' Diċembru 2019 gewwa Triq Mro. Giuseppe Camilleri, f'Tal Handaq fil-limiti ta' Hal Qormi, ikkommetta serq ta' batteriji, liema serq huwa aggravat bil-ħin u bix-xorta tal-haġa misruqa, għad-dannu ta' Mario Caruana u/jew persuni ohra u/jew entitajiet oħra, u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 267, 270, u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**4.** F'xi hin fil-lejl ta' bejn it-22 u t-23 ta' Diċembru 2019 gewwa Triq Mro. Giuseppe Camilleri, f'Tal Handaq fil-limiti ta' Hal Qormi, ikkommetta serq ta' batteriji, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-ħin u bix-xorta tal-haġa misruqa, għad-dannu ta' Kenneth Scerri u/jew Demis Cachia u/jew David Vella u/jew Ruben Briffa u/jew persuni ohra u/jew entitajiet oħra, u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 267, 270, u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**5.** F'xi hin fil-lejl ta' bejn it-30 u l-31 ta' Diċembru 2019 gewwa Triq Anthony John Coleiro, f'Tal Handaq fil-limiti ta' Hal Qormi, ikkommetta serq ta' batteriji, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-ħin u bix-xorta tal-haġa misruqa, għad-dannu ta' Malcolm Farrugia u/jew Nigel Calleja u/jew persuni ohra u/jew entitajiet oħra, u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 267, 270, u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**6.** F’xi hin fil-lejl ta’ bejn il-05 u s-06 ta’ Frar 2020 gewwa Triq Marco Montebello, Hal Qormi, ikkommetta serq ta’ batteriji, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-ħin u bix-xorta tal-haġa misruqa, għad-dannu ta’ Robert Micallef u/jew persuni ohra u/jew entitajiet oħra, u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 267, 270, u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

**7.** F’xi hin fil-lejl ta’ bejn is-06 u s-07 ta’ Frar 2020 gewwa Triq Anthony John Coleiro, f’Tal Handaq fil-limiti ta’ Hal Qormi, ikkommetta serq ta’ batteriji, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-ħin u bix-xorta tal-haġa misruqa, għad-dannu ta’ Jesmond Zahra u/jew Christine Calleja u/jew persuni ohra u/jew entitajiet oħra, u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 267, 270, u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

**8.** Nhar is-07 ta’ Frar 2020 ghall-habta tas-sebgha u ghoxrin minuta ta’ filghaxija (19:20hrs) minn gewwa Vjal De La Cruz, Hal Qormi, ikkommetta serq ta’ batteriji, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-ħin u bix-xorta tal-haġa misruqa, għad-dannu ta’ Joseph Buhagiar u/jew persuni ohra u/jew entitajiet oħra, u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 267, 270, u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

**9.** F’xi hin bejn il-11 u t-13 ta’ Frar 2020 minn gewwa Triq il-Mithna, Hal Qormi, ikkommetta serq ta’ batteriji, liema serq huwa aggravat bil-ħin u bix-xorta tal-haġa misruqa, għad-dannu ta’ Joseph Agius u/jew persuni ohra u/jew entitajiet oħra, u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 267, 270, u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

**10.** F’xi hin nhar it-13 ta’ Frar 2020 minn gewwa Triq Karmenu Camilleri, Hal Qormi, ikkommetta serq ta’ batteriji, liema serq huwa aggravat bil-ħin u bix-xorta tal-haġa misruqa, għad-dannu ta’ David Cachia u/jew persuni ohra u/jew entitajiet oħra, u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 267, 270, u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

**11.** F’xi hin bejn it-12 u t-13 ta’ Frar 2020 minn gewwa Triq l-Imdina, Hal Qormi, ikkommetta serq ta’ batteriji, liema serq huwa aggravat bil-ħin u bix-xorta tal-

haġa misruqa, għad-dannu ta' Vernon-Elvis Cachia u/jew persuni ohra u/jew entitajiet oħra, u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 267, 270, u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**12.** F'xi hin bejn is-07 u l-14 ta' Frar 2020 minn gewwa Triq is-Salib tal-Imriehel, fil-limiti ta' Birkirkara, ikkommetta serq ta' batteriji, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-ħin u bix-xorta tal-haġa misruqa, għad-dannu ta' Maximus Carlo Rossi u/jew Carmelo Micallef u/jew persuni ohra u/jew entitajiet oħra, u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 267, 270, u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**13.** F'xi hin bejn it-12 u l-14 ta' Frar 2020 minn gewwa Triq is-Salib tal-Imriehel, fil-limiti ta' Birkirkara, ikkommetta serq ta' batteriji, liema serq huwa aggravat bil-ħin u bix-xorta tal-haġa misruqa, għad-dannu ta' Adrian Micallef u/jew persuni ohra u/jew entitajiet oħra, u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 267, 270, u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**14.** F'xi hin fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Frar 2020 minn gewwa Triq is-Salib tal-Imriehel, fil-limiti ta' Birkirkara, ikkommetta serq ta' batteriji, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-ħin u bix-xorta tal-haġa misruqa, għad-dannu ta' Roderick Cutajar u/jew persuni ohra u/jew entitajiet oħra, u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 267, 270, u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**15.** F'xi hin fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' Frar 2020 minn gewwa Triq Marco Montebello, Hal Qormi, ikkommetta serq ta' batteriji, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-ħin u bix-xorta tal-haġa misruqa, għad-dannu ta' Robert Micallef u/jew persuni ohra u/jew entitajiet oħra, u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 267, 270, u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**16.** F'xi hin fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' Frar 2020 minn gewwa Triq is-Salib tal-Imriehel, fil-limiti ta' Birkirkara, ikkommetta serq ta' batteriji, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin

ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-ħin u bix-xorta tal-haġa misruqa, għad-dannu ta’ Massimo Gianni u/jew persuni ohra u/jew entitajiet oħra, u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 267, 270, u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

**17.** Xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibihom jew imexxihom, u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

**18.** U aktar talli għamel reat li għalih hemm il-piena ta’ priġunerija, waqt perijodu operattiv ta’ sentenza ta’ seba’ xhur priġunerija sospizi għal tlett snin, mogħtija mill-Maġistrat Dr Grazio Mercieca LL.D. nhar it-03 ta’ Lulju 2017

**19.** U aktar talli irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li gie misjub hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali tallum stess 20 ta’ Frar, 2020;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f’din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta’ din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x’jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti, l-Qorti m’ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

**Ikkundisrat;**

**Illi in tema ta' piena din il-Qorti qed tqis l-ammisjoni bikrija tal-imputat, il-kondotta tieghu li hija wahda refrattarja, u s-sensiela ta' serqiet kommessi f' temp ta' xahrejn mill-imputat u il-fatt, kif ivverbalizzat fl-udejnza tallum stess, illi l-imputat huwa afflitt mill-problema tal-konsum tad-droga. Dawn il-konsiderazzjonijiet kollha qed jigu riflessi fil-piena ikkontemplata.**

**KONKLUZJONI.**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI, WARA LI RAT L-ARTIKOLI 17, 31, 49, 50, 289, 28A, 28B, 261, 267, 270, 271 U 334 TAL-KAP.9 TAL-LIGIJIET TA' MALTA,** issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni numru 17 stante li din inghatat bhala wahda alternattiva ghal-bqija tal-imputazzjonijiet u minna tilliberah skont il-ligi, izda issibu hati bhala recidiv tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha, fuq ammisjoni tieghu stess u tikkundannah ghall-tlett (3) snin prigunerija.

In oltre, tikkundannah ukoll ghall-seba' (7) xhur prigunerija peress li l-imputat ghamel dawn ir-reati fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza imposta minn din il-Qorti diversament preseduta (Magistrat Dr. Grazio Mercieca LL.D) b' sentenza ta' 3 ta' Lulju, 2017.

Il-Qorti tirrakomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korretiva ta' Kordin sabiex jghati lil Christopher Mifsud l-ghajnuna mehtiega sabiex jiggieled it-tossiko dipendenza tieghu.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur